**Bħat-tastiera tal-pjanu**

Hekk nistħajjilni qiegħed
Kull darba li tingħatali
l-grazzja li dlonk nikteb
dak li f'qalbi għad baqagħli.

Erħini nikteb, nikteb
Emmnuni ma rridx naf b'waqfien,
Għax hekk il-ħajja mwegħra
B'toroq dojoq u tant dawrien.

Itlaq id, ħallik tiġri
Ħalli subgħajk ferm jilgħabu,
Il-logħba tant qadima
Forsi xi darba jistabru.

Ma nafx, imma dix-xenqa
għall-aktar fond, profondità,
min jaf fejn se twassalni
Żgur f'mhux ħafna assurdità.

Għax qabel tlaqt nivvjaġġa
Tlabt bil-ħrara, nemmen bis-sħiħ,
Li l-Ispirtu joħodni
F'baħar bla qiegħ u tant sabiħ.

Naf għax ġa qed inħossha
Sliem is-sema ġej għal fuqi,
Hawn qalbi miftuħa
O Mulej mexxili 'l ruħi.

Hekk telqet it-toccata
Sensiela ta' noti mlewmin,
l-intensità tal-kelma
taf ittiegħem morri w ħelwin.

L-importanti tiġrija
Li taf tieħu sfumaturi,
Hawn jien lest għas-sorpriża
Li tferraħ, toħloq duluri.

Imma x-xemx xorta tinżel
U ħadd ma jkun tassew rebbieħ,
Mingħandu għad jiftaqar
Min m'għandux jistgħana għax fih;

M'hemmx il-pika qarrieqa
Ta' min irid jaħkem lil ħuħ,

Miskin, miskina x'telfa
Lest għalik hemm oċejan dmugħ.

Le ħija, oħti, ieqaf
Iġri, mur fuq it-tastiera,
Twieżen kif tista', tħabat
Ftakar, 'l-ħażen ħajja kiefra.

Kollox għad jinqaliblek
Meta taħseb l-għandek kollox,
Mela aħseb għal rasek
Tixxaħħaħx u ieqaf obrox.

Lil dik ruħek mingħajr prezz
Li għad tagħti dalwaqt għax tmut,
Min se jsalvak mill-piena?
Dur lejn Alla, ħdejk it-tebut.

Li hu l-awla hekk truxa
Li minnha appell ma jasalx,
Twieżen fis mat-tastiera
Ikteb, ikteb, żmien ma fadalx.

F'idejk biss qiegħda l-mużika
Doqqha issa, għażilha int,
Kemm hu dik ta' Kristu
Mhux jaħasra li iċċekkint.

Patri Mario Attard OFM Cap
22 ta' Lulju 2023

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.